# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru: 15**
**Rikors Numru: 824/2015 JPG**

**Mobisle Communications**
**Limited (C22655) u b'digriet**
**tal-20 ta' Mejju 2016 is-Socjeta**
**GO p.l.c.* (C22334) assumiet l-atti tal-kawza**
**VS**
**Dinco Dincov**
**Stoychev** (ID 61206A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655), datat 1 ta' Settembru 2015, (vide fol 1 *et seq*), li jaqra hekk;

"*1. Illi l-konvenut ghandhu jaghti lis-Socjeta attrici s-somma ta' erbgha u sletin elf, erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89) u dan in konnessjoni ma' ftehim hawn annessa markata Dok IZY1 li huwa ftehim ghal akkonti relattivi u Dok IZY2 li huwa prospett ta' dak li hu dovut.*

*2. Illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas izda baqa' nadempjenti;*

*3. Illi l-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young hija wkoll impjegata mas-Socjeta attrici Mobisle Communications Limited u taf b'dawn il-fatti personalment wara li vverifikat ma' l-informazzjoni fil-file relattiv tas-Socjeta attrici.*

*4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-Socjeta attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, precja li jinghataq id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni;*

*Tikkundana lill-konvenut ihallas lis-Socjeta attrici s-somma ta' erbgha u tletin elf, erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89) in konnessjoni mad-dokumenti hawn annessi;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet dekoribbli mid-data tal-kontijiet, kontra l-konvenut, li minn issa hija ngunta in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permess ta' affissjoni (vide fol 52) u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern (vide fol 57) u gazzetta lokali (vide fol 55);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**L-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young** xehdet permezz ta' affidavit a fol 5 illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' erbghin elf, tliet mija u sebgha u ghoxrin

ewro u erbgha u tmenin centezmu (€40,327.84) in konnessjoni ma' ftiehem li kellu ma-socjeta rikorrenti rigward provvista ta' servizzi. Spjegat illi minkejja li l-intimat gie nterpellat biex ihallas huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Ziedet illi hija taf b'dawn il-fatti personalment peress illi hija l-avukat tas-socjeta rikorrenti u vverifikat l-informazzjoni kollha fil-*file* relattiv.

Viva voce, pero a fol 65 et seq, xhedet illi kien hemm diskrepanza bejn l-ammont li semmiet fl-affidavit taghha u dak li hemm imnizzel fir-rikors promotur, minhabba zball li ghamlet meta kienet qed titkeb l-affidavit. Ikkonfermat illi l-ammont dovut huwa dak indikat fir-rikors guramentat u cioe erbgha u tletin elf, erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89).

**Charmaine Psaila Raji,** a fol 63 et seq xehdet hija Credit Controller mas-socjeta rikorrenti u li mir-ricerki li ghamlet jirrizulta illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u tletin elf, erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89), fuq kontijiet tas-sena 2011 u 2012. Spjegat illi kien saru xi pagamenti fi Frar, Marzu u Lulju ta' 2011, b'total ta' elfejn mitejn u tlieta u disghin ewro punt ghoxrin centezmu (€2.293.20), izda mbaghad il-pagamenti kienu waqfu. Spjegat li barra minn hekk kienet giet imposta penali mis-socjeta rikorrenti minhabba li l-intimat ma onorax il-kuntratt tieghu, fl-ammont ta' disghat elef hames mija u hamsa u erbghin ewro (€9,545), u dan peress illi kienet inghataw 26 *mobile phones* bil-kondizzjoni illi jibqu fil-kunratt ghal sentejn.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi ghalkemm l-intimati gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni bir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti, huwa baqa' kontumaci.

Skont il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciz fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza, il-Qorti taghraf illi l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti, u cioe erbgha u tletin elf, erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89) gie provat sufficjentement mis-socjeta rikorrenti. Ikkonsidrat dan, u

il-fatt illi ma jidhirx illi hemm ebda eccezzjoni illi l-Qorti tista’ tqajjem ex officio, il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erbghin u tletin elf, erba’ mija u erbgha u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€34,484.89), oltre l-imghax dekoribbli mill-1 ta’ Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*U b’digriet tat-8 ta Gunju 2017 wara r-rikors tas-socjeta’ rikorrenti, l-Qorti laqghat it-talba ghal-korrezzjoni fis-sens li minflok “GO Plc” din ghandha taqra “GO p.l.c.”

**U kunjom l-intimat minflok “Stoyschev” ghandu jaqra “Stoychev”.

Illum 8 ta’ Gunju 2017

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**